# ANTIFONA *per S. Giuliano* (1902) ta' Alberto Vella
# L-ewwel parti




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt



Astratt: Kif jafu tajjeb il-qarrejja tal-*Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier* ta' kull sena nagħżel li nikteb artiklu fuq xi xogħol mużikali sabiħ b'rabta ma' dan il-qaddis ta' dan is-subborg marittmu li jġib l-istess isem tiegħu fosthom, iż-żewġ antifoni ta' Paolo Nani tal-1847 u l-1893 rispettivament. Għaldaqstant, fil-ħarġa ta' din is-sena għażilt li nikteb fuq it-tielet waħda bl-isem ta' *Antifona per S. Giuliano* (1902) tas-Surmast Alberto Vella. Din l-iskoperta kien għamilha Dun Ġwann Galea snin ilu meta hu wkoll kien qed jirriċerka fl-arkivji tal-mużew tal-Katidral tal-Imdina. Nieħu din l-okkażjoni biex niżżi ħajr lill-kuratur tal-mużew tal-Katidral tal-Imdina tal-għajnuna li dejjem sibt mingħandu kemm domt nirriċerka fuq dan ix-xogħol.



Kliem muftieħ: Antifona, Antifona per San Giuliano (1902), Mro. Alberto Vella, Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan, Soċjetà Mużikali 'Spinola' San Ġiljan.


**DAĦLA:** Grazzi għas-sejba mprezzabbli tal-*libro esito* tal-*Amministrazione della Procura della Veneranda Lampade della Chiesa Parrocchiale di San Giuliano* mill-*Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi* fl-arkivju li kien ħalla b'wirt Dun Anton Sciberras skoprejna li, bejn is-snin 1895 u 1904 Mro. Alberto Vella kien imexxi l-mużika fil-knisja l-antika ta' San Ġiljan tul is-sena liturġika kollha. Fl-artiklu tiegħu ntitolat 'Kwadru tal-ħajja parrokkjali u tal-festa ta' San Ġiljan bejn tmiem is-seklu dsadtax u l-bidu tas-seklu għoxrin', Papagiorcopulo jelenka lista sħiħa ta' festi li fihom il-mużika kienet avdata lilu. Iżda, meta niġu għall-festa titulari, Mro. Vella kien jiġi mqabbad biss għat-tridu filwaqt li, il-*Cappella Nani* kienet tmexxi l-mużika mad-dħul tal-liturġija tal-festa msemmija. Minn dan il-ktejjeb tal-ispejjeż insiru nafu wkoll li, Mro. Vella kien involut biss f'nhar il-festa bejn is-snin 1897 u 1898. F'dawk li huma ħlasijiet imbagħad, għat-tlitt ijiem tat-tridu huwa kien jaqla' ferm inqas mill-*Cappella Nani* li kienet tipprovdi mużika biss għat-translazzjoni u nhar il-festa għall-prezz fiss ta' għaxar liri! Infatti nsibu li, fl-1896 huwa kien tħallas is-somma miżera ta' lira u 12-il xelin, u li din il-miżata baqgħet tiżdied gradatament għal disa' lira u 5 xelini fl-1903. Wieħed għad irid forsi jiskopri x'kien il-motiv eżatt li wassal lil Mro. Alberto Vella biex jikteb l-*Antifona per S. Giuliano* kemm dam jagħti servizz fil-parroċċa ta' San Ġiljan.

Biografija dwar il-kompożitur: Alberto Vella (14.vii.1866 – 29.vii.1931)

Alberto, iben Dr. Giuseppi Vella LL.D., twieled il-Belt Valletta u huwa l-kbir fost it-tlett aħwa subien. (Mhux magħruf jekk iż-żewġt aħwa bniet l-oħra, Marjetta u Evelina, li jingħad li kienu t-tnejn pjanisti tajbin ħafna, u li ħafna kienu l-alljevi li ħarġu minn taħt idejhom, kinux akbar jew iżgħar minnu fl-età.) Il-Familja Vella kienet marret toqgħod Tas-Sliema, proprju f'nru. 51, Triq San Ġwann Battista meta l-aħwa ulied kienu għadhom żgħar.



Għal kuntrarju ta' missierhom, li kien studja l-armonija u l-kuntrapunt taħt Bini f'Ġenova u Livorno, wara li f'Malta kien studja taħt Dun Ġużepp Scicluna u warajh, għand l-Ispanjol Gonzales li, dak iż-żmien kien jgħix Malta, it-tliet aħwa subien ma ħadu l-ebda taħriġ mużikali barra minn xtutna. Issa, peress li missierhom, fost il-ħafna karigi li kien ikollu bħala edukatur, kien jgħallem il-mużika wkoll fil-Kulleġġ Sant' Injanzju[1] ġewwa San Ġiljan, ma setax jonqos li uliedu, li kienu kollha jattendu dan l-istess kulleġġ, jitħarrġu fl-arti mużikali taħt missierhom stess! (Jerġa' Paolo, iż-żgħir fost l-aħwa subien, tgħallem il-mużika kemm mingħand missieru kif ukoll taħt ħuh Luigi.) Dan ifisser li, l-aħwa Vella ma ħadu l-ebda forma ta' taħriġ mużikali mingħand surmastrijiet barranin kif kienet id-drawwa li jagħmlu kompożituri oħra Maltin ta' żmienhom.

Fl-1889 l-Arċisqof Isqof Sir Pietru Pace kien ħatar uffiċjalment lit-tlitt aħwa bħala kuġituri[2], jew assistenti, ta' missierhom fil-qadi ta' dmirijietu. Dan peress li, il-missier kien beda jgħejja minħabba l-varji mpenji li kellu kemm bħala għalliem f'ħafna skejjel, kif ukoll bħala *maestro di cappella* u organista tal-Katidral u l-Kon-Katidral rispettivament. Uliedu damu jaqdu dawn id-dmirijiet b'ħila għal 13-il sena sħaħ.

Fl-24 ta' Mejju 1904 Mro. Alberto Vella ddeċieda li jiftaħ klassi tal-mużika fid-dar tiegħu stess Tas-Sliema minfejn ġew imħarrġa ħafna mużiċisti promettenti. Fi tmiem kull sena akkademika kien jagħti kunċert bl-istudenti tiegħu stess bi programm f'żewġ taqsimiet: waħda għaż-żgħar u l-oħra għall-kbar. U biex aktar iħeġġiġhom għal dawn il-kunċerti, kien kull darba jistieden xi kantant gwapp.

Lil Mro. Alberto Vella nsibuh ukoll jorganizza bosta kunċerti bi programmi ta' mużika varja u klassika fosthom dak f'ġieħ Lady Methuen fl-1918, u l-kunċert ta' mużika sagra sena wara bis-sehem tal-aqwa kantanti ta' dak iż-żmien. Dawn il-kunċerti kienu jsiru dejjem fit-*Teatro Vittoria*, Tas-Sliema stess. Dwar dan it-teatru M.A. Borg jagħtina tagħrif imprezzabbli fil-ktieb tiegħu *Għeluq il-50 sena tal-Kumpanija Filodrammatika Maltija 'L-Indipendenza'*.[3]

---

[1] Fl-1872 kienet inxtrat il-proprjetà tal-Kulleġġ tal-Protestanti bit-tama li din issir skola għal ulied il-klassi għolja. Il-Kulleġġ, iddedikat lil Sant' Injazju, fetaħ il-bibieb għall-interni (*boarders*) fl-1877, u beda jitmexxa mill-Ġiżwiti Ingliżi. Minbarra l-iskola, it-tfal kienu jmorru għall-festi u jżuru vapuri tal-gwerra, fortizzi u postijiet storiċi, jgħumu u joħorġu fuq il-baħar bid-dgħajjes, jieħdu ħsieb ġonon żgħar u jipprattikaw l-isport. Xi snin wara, il-Kulleġġ beda jaċċetta wkoll l-esterni u b'hekk, ħafna ġenituri setgħu issa jibagħtu 'il uliedhom jitgħallmu hemm. Imma l-Kulleġġ ma kellux ħajja twila u kellu jagħlaq il-bibien 30 sena wara fl-1907. Madankollu, m'hemmx dubju li l-Kulleġġ ta' Sant' Injazju irnexxa u kien wieħed mill-aqwa skejjel f'Malta. Ħafna miż-żgħażagħ li ħadu l-edukazzjoni tagħhom minn idejn il-Ġiżwiti rnexxew f'ħajjithom billi ħadu karigi għoljin fil-Knisja jew fiċ-Ċivil. Kienu wkoll ħafna l-istudenti li laħqu qassisin djeċesani, avukati, tobba, uffiċjali tas-Servizzi u kapijiet ta' dipartimenti tal-Gvern. Il-Kulleġġ ta' San Alwiġi ħa post dak ta' San Injazju u b'hekk setgħet titkompla t-tradizzjoni ta' edukazzjoni mill-Ġiżwiti.

[2] Jew, koadjutur, tingħad normalment għal qassis li jgħin kappillan/monsinjur, jew monsinjur/isqof li jgħin kardinal/arċisqof bla dritt għas-suċċessjoni. Jista' jkun ukoll għalhekk mela li ż-żewġ Kappelli qatt ma setgħu jaqgħu f'idejn ulied Giuseppe meta dan kien xeħet ir-riżenja tiegħu fl-1902. Fil-fatt warajh kien inħatar Paolino Vassallo bħala maestro di cappella taż-żewġ katidrali.

[3] Għal bidu, dan it-teatru kien mgħammed bl-isem ta' *Teatro Formosa* għal proprjetarju tiegħu is-Sur Alfredo Formosa. Il-ftuħ tiegħu kien sar nhar it-13 ta' Lulju 1891 b'kummiedja f'5 atti li kien jisimha *Guerra in tempo di pace* mill-Kumpanija tal-Proża Taljana tal-Cav. Giuseppe Scandurra. (Dwar dan il-bniedem nafu li kien id-direttur tal-Kumpanija Drammatika Taljana li kienet tagħti reċti fit-Teatru *Prinipessa Melita* li kien inbena f'post mill-aktar ċentrali ta' Tas-Sliema u ġie nawgurat nhar il-21 ta' Mejju 1885 bid-dramm *Il Padrone delle Ferriere* ta' Giorgo Honet. Fih kienu saru reċti ta' proża Taljana, vudvillijiet mill-Kumpanija Vasco, kummiedji tax-xadini u spettakli oħra. Fl-1890 kien ġie imwaqqa' u fil-post fejn kien hu mbnew djar, mezzanini u ħwienet.)

It-*Teatro Formosa* kien jinsab f'Tas-Sliema fi Strada Rjali kif iddur minn triq it-Torri. Ħames snin wara, dan it-teatru ġie imkabbar u rranġat aħjar, u tawh l-isem ta' *Teatru Vittoria*. M.A. Borg ikompli jgħidilna hekk f'paġna 18:

Bħala kompożitur, Mro. Alberto Vella kiteb ħafna mużika sagra bħal quddies, għosrien, antifoni (fosthom l-*Antifona per S. Giuliano* tal-1902), mutetti u innijiet. Kiteb ukoll diversi sinfoniji li ġew esegwiti fil-British Institute. Kien ukoll direttur tal-mużika f'bosta knejjes u surmast tal-kori tat-Teatru Rjal. Miet fl-14 ta' Lulju tal-1931 fl-età ta' 65 sena.



**PARTITURA**: Il-partitura oriġinali[4], li b'kollox fiha 29 paġna, illum tinsab konservata fl-*Archivum Cathedrale Melitense* bin-numru 1101. Uħud minn dawn il-paġni fihom it-timbru antik f'forma ta' ċirku li jaqra *Museo Cattedrale Malta* ta' meta xogħlijiet simili kienu arkivjati f'post ieħor. Aktarx ukoll li, il-paġni ġew innumerati xi żmien wara li nkitbet l-antifona. Fir-rigward tal-paġna ta' quddiem insibu imniżżel hekk: *Antifona per S. Giuliano di Alberto Vella*. Isfel nett imbagħad, fuq in-naħa tal-lemin insibu mniżżla rqiqa kemm jista' jkun is-sena 1902 ta' meta nkitbet.

Issa, meta Mro. Alberto Vella ġie biex jikteb l-antifona, għażel li jmur għal manuskritt ta' b'14-il pentagramma. Peress li, dan it-tip ta' manuskritt għandu l-paġni weqfin, u mhux mimdudin, ġara li f'kull paġna seta' jdaħħal biss mhux aktar minn tliet battuti - ħlief għal paġna 28, li fiha erbgħa. Dan ifisser li, meta tiġi biex teqleb minn paġna għall-oħra, issib li ma tkunx tista' taqra aktar minn sitt battuti wara xulxin ma' kull żewġ faċċati li jiġu quddiemek. Din il-ħaġa

---

'... <u>dan l-aħħar</u> inħatt kważi għal kollox, ġie mibni mill-ġdid fuq pjanti ġodda ta' stil modern u gost partikolari. Platea, palki, palcoxeniku, kamrini, kollox kiber u kollox sar ta' kumdità kbira u bla ebda sparan tant li llum huwa wieħed mill-isbaħ teatri li għandna fil-gżira. Ġie msejjaħ *Gaiety Theatre*.' (N.B. Dan it-tagħrif kitbu fl-1934 meta ġie ppubblikat dan il-ktieb, u għaldaqstant, il-frażi *dan l-aħħar* għandha tiġi tiftiehem li x-xogħol sar f'xi żmien qabel din id-data. Tant hu hekk li, f'paġna 43, M.A. Borg ikompli jgħidilna li, '... it-Teatru Formosa kien ġie imkabbar u mqassam aħjar milli kien. L-isem tiegħu ġie mibdul u sar Teatru Vittoria u hekk baqa' sas-sena 1932.' Dan ikompli jixhed li, ix-xogħol ta' ristrutturar sar kollu wara d-data msemmija, i.e. fl-ewwel nofs tas-snin 30jiet tas-seklu l-ieħor, i.e. bejn is-snin 1932 u 1934. Tajjeb wieħed ikun jaf ukoll li, M.A. Borg ta' din l-informazzjoni kollha dwar dan it-Teatru 'għaliex fih il-Kumpanija (tiegħu) kienet damet għal żmien twil tagħti korsijiet ta' reċti tant fix-xitwa kemm fis-sajf.' Jidher li, l-ewwel darba li l-Kumpanija Indipendenza dehret fih kien nhar it-2 ta' Settembru 1891, u baqgħet tidher kważi kull sena sal-1927.

4 Wieħed ma jistax jgħid b'ċertezza jekk il-partitura li tinsab fil-mużew tal-Katidral hix wara kollox mill-pinna tal-kompożitur nnifsu, jonkella, jekk hix kopja tagħha magħmula minn idejn ħaddieħor li nassigurakom tiżed bl-għeltijiet grammatiċi mużikali, u għandha kalligrafija mħanżra għall-aħħar daqslikieku ħierġa minn id wieħed dilettant. Ibqgħu ċerti li, wara snin twal tħażżeż kuljum għexieren sħaħ ta' noti fuq il-pentagramma bilfors li titrabba bħal ċerta maturità fil-mod kif tpenġihom, xiħaġa li żgur ma nsibuhiex fil-kitba ta' din l-antifona. Ċertu fittaġni fil-kitba żgur li ma tħallix lok għal żbalji banali simili. Issa, jekk il-każ hu li din il-partitura ħarġet minn id Mro. Alberto Vella, allura l-kwestjoni hi ħaġ' oħra, imma li tixħet ċertu dubji fuq il-professjonalità tiegħu. Madankollu, wieħed ma jridx jorbot dan in-nuqqas mal-fatt li, għalkemm il-familja Vella kienu tajbin bħala għalliema, organisti, pjanisti u kompożituri, xorta waħda jibqa' l-fatt li, il-kwalità tas-servizz mużikali tagħhom ma kienx baqa' jissodisfa lill-Kapitlu, tant li, meta missierhom ġie biex jirtira bil-pensjoni, l-għażla ta' suċċessur waqgħet fuq Mro. Paolino Vassallo.

Punt ieħor hawnhekk li xtaqt naċċenna fuqu hu l-fatt, li aħna m'aħniex nitkellmu fuq xi xogħol teknikament tqil. Diġà, it-tonalità hija in DO Maġġuri, u tneħħi xi waqtiet iżolati, ma toffri ebda aċċidenti ta' djesis u/jew bemolli, bil-konsegwenza li l-mużika ma timmodulax. (F'b. 24[3] jeżisti akkordju xi ftit aktar sofistikat mill-bqija tat-trijadi użati li mhux għajr dak tas-settima diminwita!) Hija sitwazzjoni wkoll fejn għandek l-istrumenti tal-korda ħafna drabi ddoqqu (tneħħi l-primi) noti li jinvolvu t-tħaddim ta' wtar mhux mirfusin bħallikieku l-mużika hi maħsuba għalbiex tindaqq minn strumentalisti mhux daqstant imħarrġin. Qed ngħid dan kollu, ma rrid bl-ebda mod niġi niftiehem li qed intappan il-ħiliet mużikali ta' Mro. Alberto Vella għax wara kollox il-mużika tiegħu, f'dan il-każ l-*Antifona per S. Giuliano*, tibqa' xorta waħda sabiħa fis-sempliċità, forsi wisq ukoll, tagħha.

tagħmilha aktar diffiċli għas-surmast li jkun qed jiddderieġieha, jekk għallanqas ma jkunx jafha bl-amment. Fil-partitura nsibu wkoll li, minbarra t-test oriġinali tal-antifona ta' San Ġiljan jidher li hemm wieħed ieħor. Taħżiż ta' dan it-test illeġibbli nsibuh biss f'paġni 16 sa 23. Dan jagħti x'jifhem li, din l-antifoni setgħet intużat għal xi festa jew okkażjoni oħra.

Fit-tabella ta' hawn taħt qed inġib l-għadd ta' kif inhuma mqassmin il-battuti f'kull paġna. Wieħed jinnota li, fl-aħħar żewġ paġni poġġejt asterisk (*) maġemb in-numri. Dan għamiltu biex niġbed l-attenzjoni għall-fatt li, f'paġna 28 xiħadd kien immarka bil-lapis is-sinjal tal-abbrevjatura biex battuta 86 tiġi replikata. Jekk dan hu l-każ, allura f'dil-paġna għandna ħames minflok erba' battuti, bil-konsegwenza li, l-għadd tagħhom jitla' għal 89 minflok 88. Issa, Mhux magħruf jekk kienx il-kompożitur innifsu, jew xiħadd ieħor, li għamel żied din il-battuta u, per konsegwenza, jekk wieħed għandux jaċċetta jekk il-battuta replikata għandhiex ssir jew le:

| Paġna | Għadd ta' battuti | Paġna | Għadd ta' battuti |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 01 | Paġna ta' quddiem | 16 | 43-45 |
| 02 | 01-02 | 17 | 46-49 |
| 03 | 03-05 | 18 | 50-53 |
| 04 | 06-08 | 19 | 54-57 |
| 05 | 09-11 | 20 | 58-61 |
| 06 | 12-14 | 21 | 62-64 |
| 07 | 15-17 | 22 | 65-67 |
| 08 | 18-20 | 23 | 68-70 |
| 09 | 21-23 | 24 | 71-73 |
| 10 | 24-27 | 25 | 74-76 |
| 11 | 28-30 | 26 | 77-79 |
| 12 | 31-33 | 27 | 80-82 |
| 13 | 34-36 | 28 | 83-86 [87]* |
| 14 | 37-39 | 29 | 87-88 [88-89]* |

Fuq nota ġenerali, kif ġa għedna, il-qari tal-partitura huwa skomdu għall-aħħar għall-fatt li f'kull paġna ssib biss minn tliet sa erba' battuti. Imnalla li, it-temp tagħha tal-bidu huwa mmarkat *Andante*, u allura jimxi bil-mod. Il-partitura hija nieqsa wkoll minn kull tip ta' marki dinamiċi, bħal ngħidu aħna *forte* jew *piano*, frażijiet li jagħtuha espressjoni, u kull xorta ta' punteġġjatura, bħal ngħidu aħna noti stakkati u/jew legati, jew aċċentwati. Ambigwitajiet oħra jinkludu: (b. 87a)? li, kif għedna, tikkonsisti f'replika tal-battuta li tiġi qabilha - ara sinjal (%). Mhux magħruf jekk din il-battuta kenitx xi żjieda li saret wara mill-kompożitur innifsu jew xiħadd ieħor; (b. 77 – 78) huma maqtugħin (ingassati); (b. 58 – 60) fejn għandek il-kor suppost qed ikanta *a cappella*. Kien hemm min forsi ħass li l-baxxi aħjar ikunu akkumpanjati mill-vjolinċelli u kuntrabaxxi u għaldaqstant niżżel xi noti bil-lapis fil-parti tal-istrumenti msemmija. Ma dan nixtieq inżid ukoll li, ħafna drabi ntużat ix-xafra biex tħassar l-għeltijiet li jiżedu fil-partitura. It-traskuraġni fil-kaligrafija hija dovuta l-aktar għall-fatt li min ġie imqabbad/mitlub biex jikkopja l-mużika (hawn qedin neskludu li hu l-kompożitur innifsu) jista' jagħti il-każ li ma kienx jafx jaqraha. Jekk mhux hekk, vera għax ix-xogħol sar b'wisq għaġla. Innota per eżempju l-ittri 'a' 'b' 'ċ' (b. 76-8) li permezz tagħhom wieħed jiffranka milli joqgħod jerġa' jpenġi l-istess noti li ġew eżatt fit-tliet battuti ta' qabel.

**STRUMENTAZZJONI**: Il-partitura fiha sistema waħda li tiġbor fiha 14-il pentagramma. Dan huwa metodu skorret ta' kif għandhom jiġu ggruppjati l-istrumenti orkestrali għax joħloq diżgwid bla bżonn għal min ikun qed iħabbat x-xogħol. Wieħed jinnota li, il-mod kif inhuma elenkati l-istrumenti, tindika sistema li kienet tintuża fix-xogħlijiet ngħidu aħna ta' Donizetti u kompożituri oħrajn ta' żmienu, meta ħafna mill-istrumenti li nafu bihom illum, sa dak iż-żmien kienu ineżistenti.

It-tabella ta' hawn taħt turi f'liema ordni, dejjem minn fuq għal isfel, tqiegħdu l-istrumenti orkestrali u l-vuċijiet: il-vjolini primi u sekondi fuq nett peress li huma s-sinsla u l-qofol ta' kull xogħol mużikali, speċjalment fl-istil Barokk u/jew Klassiku li fihom dawn l-istrumenti kienu dejjem jippredominaw; eżatt taħthom jiġu l-istrumenti tal-qasba, il-flawt, l-obwe, u l-klarinett in Do; l-istrumenti tar-ram - kurunetta waħda u żewġ korni, ilkoll in Do, kif ukoll l-ofiklajde (dwar dan l-istrument rari ara glossarju). Taħthom imbagħad jiġu par timpani skurdati, il-vuċijiet maskili, jiġifieri tenuri (primi u sekondi) u baxxi, u l-kuntrabaxx, li aktarx jinkludu wkoll il-vjolinċell. Li l-kuntrabaxx tqiegħed isfel nett hi waħda strateġika il-għaliex għajn is-surmast l-aktar li tkun qed tiġri huwa fuq (vjolini) u taħt (vjolinċelli/kuntrabaxxi) bħal f'meta tkun qed taqra xi biċċa mużika għall-pjanu. Dak iż-żmien ukoll, ma kenitx id-drawwa li jiktbu għall-vjola (strument tal-korda).

| | Strument | Kjavi | Rimarki |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 01 | *Violino I$^{mo.}$* | Vjolin jew SOL | |
| 02 | *Violino II$^{do.}$* | Vjolin jew SOL | |
| 03 | *Flauto* | Vjolin jew SOL | |
| 04 | *Obwe* | Vjolin jew SOL | |
| 05 | *Clarino in Do* | Vjolin jew SOL | |
| 06 | *Cornetta in Do* | Vjolin jew SOL | |
| 07 | *Corni in Do* | Vjolin jew SOL | |
| 08 | *Tromboni* | Baxx jew FA | |
| 09 | *Ophicleide* | Baxx jew FA | |
| 10 | *Timpani* | Baxx jew FA | skurdat |
| 11 | *Tenore I* | Tenur jew DO | Vuċi |
| 12 | *Tenore II* | Tenur jew DO | Vuċi |
| 13 | *Basso* | Baxx jew FA | Vuċi |
| 14 | *Contrabasso* | Baxx jew FA | Vjolinċelli/Baxxi |

Hawn taħt hija lista sħiħa ta' għeltijiet u tnietef oħra skont l-istrument:

Vjolin I: (b. 47) il-bekwadru quddiem in-nota SI għal kollox żejjed; (b. 54) għall-ewwel kien maħsub li l-irfis kwadruplu jinkludi s-settima dominanti li hi magħmula mill-akkordju li ġej: SOL – Si – RE – FA. Hawn jidher li, Vella biddel ħsiebu, u minflok ried biss wieħed mingħajr is-settima għax ħass li dan l-akkordju joqgħod aħjar jekk idaħħlu f'b. 58. Ġara li, ipprova jmiss ir-ras tan-nota biex minn FA jibdilha f'SOL bil-konsegwenza li, mhux ċar jekk in-nota hix fuq il-ħames linja jew eżatt fl-ewwel spazju ta' fuq il-pentagramma; (b. 68) nota, valur ta' semiminima fit-tieni nofs tal-ewwel taħbita, nieqsa, li mbagħad tniżżlet wara bil-lapis; (b. 85) l-aħħar kroma f'din il-battuta jonqosha s-sieq.

Vjolin II: (b. 16) legatura nieqsa li tgħaqqad is-semiminima fl-ewwel taħbita mal-ewwel semikroma fit-tieni waħda; (b. 18) l-istess ħaġa bħal f'battuta 16; (b. 24) *arco* mhix imniżżla; (b. 54) l-istess bħall-vjolin prim.

Flawt: (b. 62 - 69$^1$) għalkemm m'hemmx immarkat safejn għandu jibqa' jdoqq *8va. sopra I$^o$ viol(ini)*, is-sens mużikali jgħid li għandu jagħmel dan sal-ewwel taħbita ta' battuta 69, għax imbagħad, il-vjolini ma jibqgħux idoqqu ottava taħtu, imma jingħaqdu miegħu fl-unisonu mit-tielet taħbita tal-battuta imsemmija.

Obwe: (b. 12) fil-bidu kellu jdoqq nota oħra minflok dik li fil-fatt għandu. Infatti, in-nota MI ħassarha bix-xafra u flokha tah is-SOL#. Il-MI imbagħad taha lill-klarinett; (b. 15) l-istess ħaġa għamel fl-ewwel taħbita, fejn ħassar il-MI bix-xafra u minflok tah il-LA; (b. 16) Id-djesis quddiem in-nota FA żdiedet bil-lapis wara (żball li ġie kkoreġut); (b. 18) kien ser itih il-FA#, imma mbagħad

ħassar bix-xafra u minflok tah il-LA (b. 28) l-stess żball, id-djesis żdiedet wara; (b. 54) l-istess bħall-vjolin prim; (b. 64 u 68) dawn iż-żewġ battuti żidtilhom kroma kull wieħed qabilhom għax ma jagħmilx sens li l-obwe jibda l-frażi mhux *in aria* bħall-flawt u l-vjolin prim; (b 68) l-istess bħall-vjolin prim.

Klarinett in Do: (b. 64 u 68) l-istess bħal fl-obwe, aktar u aktar li qed idoqq fl-unisonu miegħu; (b. 68) l-istess bħall-vjolin prim.

Cornetta in Do: (b. 12) għall-bidu, il-valur tal-ewwel nota kien ser ikun ta' kroma bħal fil-bqija tal-isturmenti tal-fjat, imma Vella biddel ħsiebu u bidel id-dewmien tagħha f'minima u neħħa l-aspett bil-ponta tax-xafra. L-istess ħaġa jiġri f'battuti 16 u 17; (b. 20) Għal darba, hemm immarkat *piano*! Dan hu l-uniku post fil-partitura (minbarra l-krexxendo f'battuta 61) fejn hemm immarkat xiħaġa simili; (b. 45) il-kwart aspett fir-raba' taħbita huwa nieqes; (b. 54) ħassar bix-xafra in-nota SOL fuq, u minflokha tah is-SI (tielet linja); (b. 61) tniżżel krexxendo biex il-ħoss tal-kurunetta jitqawwa ftit ftit. Dan jidher li sar minn xiħadd bil-lapis wara li saret il-partitura. Hemm ukoll xi notini mħażżin fir-raba' taħbita; (b. 82) wieħed jassumi li l-kromi għandhom ikunu stakkati bħal f'battuta 80.

Korni in Do: Nota ġenerali: għalkemm dawn huma in Do xorta waħda jridu jittrasponu l-mużika ottava taħt biex jiġu jinstemgħu tajjeb mal-bqija tal-orkestra; (b. 4) saret xi tiswija żgħira fil-valuri tan-noti fir-raba taħbita; (b. 24) mhux ċar jekk il-korni hux ser idoqqu *a2*, jonkella d-DO jdoqqha biss il-kornu prim; (b. 37) fil-kornu prim hemm aktarx legatura nieqsa li tgħaqqad il-minima man-nota li tiġi warajha għall-valur totali ta' minima bil-pont. Qabbel din mal-istess ħaġa f'battuta 33; (b. 38 – 41) *a2* żgur li tniżżlet minn xiħadd wara li saret il-partitura. Din hija direzzjoni li tingħata lill-istrumentalisti tal-istess strument biex it-tnejn idoqqu l-istess noti; (b. 42 – 45) nassumi li l-istess ħaġa għandha ssir fil-battuti msemmija; (b. 46) is-semiminima fir-raba' taħbita jonqosha punt li hu ekwivalenti għal kroma oħra. Għalkemm mhux indikat, f'battuti 46 – 49 għandu jdoqq il-kornu prim biss, u għaldaqstant, għandha titniżżel il-kelma I$^{o}$. Il-kornu sekond jidħol bin-nota tiegħu fil-battuti li jmiss; (b. 68 u 69) żbalji żgħar li ġew imsewwijin bla ma ntużat ix-xafar.

Trumbun 1: Nota ġenerali: peress li, it-trumbuni huma mniżżlin fuq l-istess pentagramma, u fin-nuqqas ta' mmarkar fil-volumi, jiġri li, dawk il-passaġġi b'noti singulari ma tkunx taf jekk għandhomx jindaqqu minn trumbun wieħed, jonkella t-tnejn f'daqqa. Madankollu, ħafna drabi, mill-istess andament mużikali, wieħed ikun jista' jindovna x'irid jagħmel; (b. 12 u 14) saru xi tiswijiet bl-użu tax-xafra; (b. 46 – 49) għalkemm mhux immarkat, neħodha li hawn it-trumbun prim biss qed idoqq, il-ħoss ta' tnejn jiġi wisq pedantiku; (b. 57) ilesti ruħu għan-noti akuti, Sol u Fa fuq!; (b. $63^{4}$- $65^{3}$ u $67^{4}$ – $69^{1}$) neħodha li hawn it-trumbun prim biss qed idoqq; (b. 85) partitura tant saret bil-għaġla li nesa jpenġi r-ras tan-nota DO fuq, imma ħejja biss il-linja li trid tiġi fuqha!

Trumbun 2: (b. 16) id-djesis (#) quddiem il-FA tħalliet litteralment barra u kelli nżidha.

Ofiklajde: (b. 3) żball żgħir f'nota li tranġa bix-xafra; (b.) iżżellġet xi ftit il-linka! Noti madankollu baqgħu jingħarfu; (b. 15) għelt żgħir li tranġa bix-xafra; (b. 27) kwart aspett fir-raba' taħbita nieqes; (b. 46-7) semibrevijiet tneħħew bix-xafra; (b. 62 - 68) għandu mmarkat li jrid idoqq *col bassi*. Dan ifisser li jrid idoqq l-istess noti flimkien mal-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi; (b. 69) kwart aspett fit-tieni taħbita nieqes; (b. 71 – 78) l-istess ħaġa bħalma ġara f'battuti 62 – 68, imma did-darba ma ndikax li jrid jagħmel dan permezz tan-nota *col bassi*; (b. 87) ħassar id-DO li kellu u tah oħra ottava taħtha.

Timpani: Nota ġenerali: jidher li dan mhu xejn għajr wieħed skurdat, jiġifieri m'għandux nota li fuqha jista' jintona ruħu. Kelli biċċa xogħol biex ir-ritmi li tah nsibilhom noti fissi li jaqblu mal-mużika li tkun għaddejja dak il-ħin; (b. 54) l-aspetti mit-tieni taħbita sar-raba' waħda kollha neqsin; (b. 80) żidt in-nota fuq l-ewwel kwart biex it-timpani jkun jista' jirsolvi fuqha.

Tenore I: Nota ġenerali: din il-vuċi, u l-oħra sekonda, huma miktubin fil-kjavi tagħhom, jiġifieri dik tat-tenur li tkun imqiegħda fuq ir-raba' linja tal-pentagramma; (b. 46 – 47) ittieħdu xi żbalji f'dawn il-battuti bil-konsegwenza li, minflok għamel użu mill-pentagramma ta' fuqha li soltu tintuża mit-timpani, li dak il-ħin inzerta huwa sieket; (b. 49) fir-raba' taħbita nsibu li, it-tenur għandu żewġ kromi minflok kroma bil-punt u semikroma kif għandu l-baxx. Naħseb li, iż-żewġ vuċijiet għandhom ikantaw noti tal-istess valur; (b. 61) il-minima sinkopata fit-tieni u t-tielet taħbita saret wara li kien iddeċieda li minflokha jkun hemm aspett li ma ġiex imħassar bix-xafra;

Tenore II: Ma sibt ebda għeltijiet fil-parti tiegħu.

Basso: (b. 5) nota ħażina fit-tielet taħbita tneħħiet bix-xafra u minflokha tqegħdet dik it-tajba; (b. 45) nofs kwart aspett żejjed fit-tielet taħbita.

Contrabasso: Nota ġenerali: jista' jagħti l-każ li, peress li hemm l-ofiklajde, mhemmx bżonn li wieħed jimpjega vjolinċell. Jekk dan hu l-każ, allura n-noti li hemm miktubin jinstemgħu ottava taħt meta mdaqqa mill-kuntrabaxx. Din il-parti hi mingħajr għeltijiet ta' xejn.

**FORMA**: Tajjeb li nibdew biex ngħidu li, il-biċċa l-kbira tal-antifoni li nkitbu minn kompożituri Maltin fis-seklu 19 sa l-ewwel nofs tas-seklu 20 jieħdu l-forma ternarja, i.e. xogħol mużikali li tista' taqsmu fi tliet sezzjonijiet differenti. Ħafna drabi dawn jingħarfu mit-temp u l-kjavi differenti ta' bejniethom fejn, (1) tissejjaħ 'A' għas-sempliċi raġuni li tiġi l-ewwel waħda mit-tliet taqsima. Din tinbena madwar tema ewlenija li aħna nsibuha bħala 'Tema A'; (2) tissejjaħ 'B', u li allura tifforma t-tieni taqsima, u b'tema li tista' tkun għal kollox differenti minn ta' qabilha bil-għan li toħloq kuntrast, u li aħna nsejħulha 'Tema B'. Din it-taqsima aktarx ukoll ikollha temp li jimxi aktar bil-mod minn ta' qabilha u li tinvolvi solo fuq xi strument u/jew vuċijiet (fil-każ tagħna t-temp hu mmarkat *Largo* – i.e. lajman); u (3), li bħala t-tielet taqsima tista' tkun, waħda minn dawn it-tnejn li ġejjin: (a) 'A' (i.e. ripetizzjoni eżatta), jew aħjar (b) '$A^{1}$' (i.e. ripetizzjoni li toqrob lejn 'A'). B'hekk, minħabba r-ripetizzjoni ta' 'A' jew $A^{1}$' fit-tielet taqsima, 'B' tinqabad bejn żewġ taqsimijet li għandhom ħafna minn xulxin, u allura tispiċċa fin-nofs.

Fil-każ tal-*Antifona per S. Giuliano di Alberto Vella*, din ukoll ħadet il-forma ternarja, imma kif ser naraw, it-tliet sezzjonijiet huma differenti l-waħda mill-oħra, u allura mhix fil-forma ta' $ABA^{1}$ kif normalment insibu f'antifoni oħra tal-istess epoka. Jerġa', qabel ma nidħlu għall-koda, għandna s-sinjal tar-replika, li jfisser li rridu nitilgħu sa mit-tieni battuta u nerġgħu noqgħodu ndoqquha mill-ġdid! Ġieli f'partituri oriġinali ta' antifona ssib mmarkat xi qtugħ bil-lapis, jew għodda simili oħra, ta' battuti, jekk mhux ukoll ta' parti, saħansitra ta' sezzjoni sħiħa, biex dak li jkun iqassrilha kemm jista' jkun mill-ħin. Għaldaqstant, li wieħed jirrepeti dak kollu li għadu kif daqq hija waħda remota ħafna.

Intant, l-antifona ta' Vella nistgħu naqsmuha kif ġej: taqsima 'A' hija fit-tonalità ta' DO Maġġuri, u mmarkata *Andante*, i.e. temp li jaqa' bejn *adagio* u *allegro*, u għaldaqstant jitħabbat bil-ħlewwa, bla għaġla ta' xejn. Din it-taqsima tinfirex mill-ewwel sat-28 battuta. Min-naħa tagħha, Taqsima 'B' (b. 29 – 61) hija mmarkata *Largo*, i.e. it-temp tagħha huwa lajman, u hija l-itwal fost it-tliet taqsimiet peress li għandha 33 battuta. Bħala tonalità, hija qegħda fil-kjavi ta' SOL Maġġuri, li jfisser li marret fid-dominanti tal-oħra li bdejna biha. Taqsima 'Ċ' (b. 62 – 79) terġa' lura għat-tonalità oriġinali tad-DO Maġġuri, u hija mmarkata *Più Mosso*, i.e. temp aktar mċaqlaq minn dak ta' qablu. L-aħħar tmien battuti (b. 80 – 89) jiffurmaw il-Koda. Fiha, wieħed jistenna li t-temp jaċċelera ruħu għal tmien aktar eċċitanti.

Minn dan kollu naraw li, kull taqsima għandha, bejn wieħed u ieħor l-istess ammont ta' battuti u b'hekk ix-xogħol huwa wieħed bbilanċjat f'dik li hi struttura. Fil-fatt, jekk ngħoddu l-introduzzjoni ma' Taqsima 'A', u magħhom inżidu l-ħolqa li qegħda f'battuta 28, b'kollox ikollna 28 battuta fl-

ewwel taqsima. Taqsima 'B' fiha b'kollox 33 battuta, inkluża l-introduzzjoni f'battuta 29, u Taqsima 'Ċ' fiha 28 battuta jekk magħha ngħoddu wkoll il-Koda.

Kif ser naraw ukoll, jerġa' kull taqsima hija mibnija minn għadd ta' sentenzi, aktarx ta' tmien battuti l-waħda, u li jien ser ikun qed nirreferi għalihom bħala 'partijiet'. Kull waħda minn dawn is-sentenza tinqasam f'żewġ jew għadd ikbar ta' frażijiet. It-tabella t'hawn taħt turi b'mod ġenerali kif inhuma mqassmin dawn it-tliet sezzjonijiet prinċipali hawn fuq imsemmija:

| Taqsima | Parti | Battuti | Għamla |
|---|---|---|---|
| | | | |
| A | Introduzzjoni | $01^1$ - $01^3$ | |
| | a | $01^4$ - $11^3$ | Sentenza |
| | b | $11^4$ - $19^3$ | Passaġġ episodiku |
| | ċ | $19^4$ - $27^3$ | Sentenza |
| | | 28 | Ħolqa |
| B | Introduzzjoni | $29^1$ - $29^3$ | |
| | d | $29^4$ – $37^3$ | Sentenza |
| | e | $37^4$ - $45^3$ | Sentenza |
| | f | $45^4$ - $53^3$ | Sentenza |
| | ġ | $53^4$ – $61^1$ | Sentenza |
| Ċ | g | $61^2$ - $69^1$ | Sentenza |
| | għ | $69^3$ - $79^1$ | Sentenza |
| Koda | | 80 - 89 | |

GĦELUQ: It-tieni u l-aħħar parti ta' dan l-artiklu ser tidher fil-ħarġa li jmiss tal-*Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier*. Fiha ser inkun qed nispjega fid-dettal minn xiex inhuma magħmulin il-varji taqsimiet tagħha, kif ukoll it-tip ta' ħjata mużikali li minnha hija msensla din l-antifona ta' Mro. Alberto Vella. Xi eżempji mużikali meħudin mill-istess xogħol ma jonqsux ukoll.

TMIEM L-EWWEL PARTI

GLOSSARJU:



*A Cappella*: Kant mingħajr akkumpanjament strumentali.

*Cornetta*: Strument għamla ta' kornu żgħir, li bil-Malti nsibuh bħala kurunetta. Madankollu, f'xogħlijiet ta' mużika ekklesjastika d-daqq ta' tromba kien u għadu aktar adattat minħabba l-ħoss inqas qawwi imma aktar miġbur tagħha.

Modulazzjoni: Kelma li tiddeskrivi meta l-mużika tmur minn ton għal ieħor, li jista' jkun relattiv jew imbiegħed.

Ofiklajde: Strument tar-ram li jaħdem b'talanqas disa' ċwievet. Ġie ivvintat fl-1817 u ppattentjat erba' snin wara minn Jean Hilaire Asté. Magħmul minn tubu twil li jintlewa fuqu nniffsu ħalli jagħmilha aktar faċli meta jinżamm fl-idejn. Jindaqq billi tonfoħ minn ġo mbukkatura bbuzzata li tixbah il-bokkin. L-ofiklajde deher għall-ewwel darba fl-opra ta' Gaspare Spontini *Olimpie* fl-1819. Xogħlijiet oħra famużi li nkludewh huma, l-oratorju *Elias* u l-overtura għal *A Midsummer Night's Dream* (1826) ta' Mendelssohn, kif ukoll fis-*Symphonie Fantastique* (1830) ta' Berlioz. L-ofiklajde kien jintuża regolarment ukoll fl-opri serji ta' Meyerbeer, Halevy u Auber, kif ukoll f'xi opri ta' kompożituri Brittaniċi tal-istess epoka. Ma jonqosx li, Verdi u Wagner ukoll jiktbu għall-ofiklajde fl-opri

tagħhom, bħalma għamel ukoll Sir Arthur Sullivan fl-overtura *Di Ballo* (1870), illi fiha żied ukoll parti għas-serpentun, bħalma għamel Wagner fl-opra tiegħu *Rienzi* (1838-40).

Partitura (jew, spartit): Bl-Ingliż insejħulu *score*. Ktieb miktub (manuskritt) jew stampat tal-partijiet kollha strumentali miġburin f'daqqa. Jeżistu tipi differenti tagħhom li jistgħu jkunu fil-verżjoni għall-orkestra sħiħa (*full score*) jew fil-forma ridotta (*short score*).

Strumentazzjoni: Terminu mużikali użat biex ifisser is-sengħa, l-istudju, u t-tagħlim tal-partijiet strumentali miktubin individwalment u kif dawn ser jindaqqu u/jew jinstemgħu fl-orkestra.

Timpani: Jekk wieħed iqalleb fil-miklem malti għandu mnejn isib xi ftit tad-diżgwid f'dak li għandu x'jaqsam mat-tifsira tal-kelma. Ibda biex, tímpanu (pl. timpani) [qed nixħet l-aċċent tal-kelma fuq l-ittra *i* apposta għax hekk għandha titleħħen il-kelma] u mhux timpana, dak l-għaġin/mqarrun imqatta' u mħawwar b'laġam kapuljat, bajd, ġobon, kunserva tat-tadam u x'naf jien u miksi b'biċċa għaġina u moħmi l-forn! Issa, id-definizzjoni li jagħtina Mario Seracino-Inglott, fid-*Dizzjunarju Malti u teżawru ta' malti mħaddem* sfortunatament mhix korretta meta jgħidilna hekk: platt tar-ram kbir f'banda/orkestra li ma' ieħor bħalu jissejħu zinnatati/platti, u li timpanist huwa allura daqqâq tal-platti/zinnatati. Mill-banda l-oħra, Joseph Aquilina, fil-*Concise Maltese English – English Maltese Dictionary* jagħtina t-traduzzjoni t-tajba tal-kelma: *timpano* jew *kettledrum*.




Tromba: (Ara cornetta) Strument mużikali antic tar-ram. Deher għall-ewwel darba fil-forma moderna tiegħu bi tliet valvi fil-Ġermanja fil-bidu tas-seklu dsatax. Dan kien ifisser li, it-tromba issa setgħet iddoqq melodiji sħaħ, saħansitra kromatiċi, fejn qabel lanqas biss kienet toħlom bihom!

Bibliografija:


Borg Mikelanġ: **Għeluq il-50 sena 1884 – 1934 Tifkiriet u Ġrajja dwar it-Twelid, il-Ħajja u l-Agunija tal-Kumpanija Filodrammatika Maltija 'L-Indipedenza'** - Tipografia Nazionale, 140. Sda. Zecca, Valletta, Malta.

Galea Ġwann**: Antifona tal-Festa, b'riferenza speċjali għall-festa ta' San Ġiljan**. Rev. Dun Ġwann Galea. San Ġiljan – Festa 2005, paġni 27 – 33.

Mallia Salv.: **Storja ta' żewġ Kulleġġi**. Artiklu meħud mill-ktieb San Ġiljan - mitt sena parroċċa 1981-1991. Editur Stanley Fiorini. Publikazzjoni *Deer Publications*. Mitbugħ għand *Printjob*, Għaxaq, Malta 1992, paġni 82-94.

Mifsud Bonnici Robert: **Mużiċisti Kompożituri Maltin – Maestri di Cappella tal-Kattidral**. A.B.C. Fine Arts Printers, 2, Strait Street, Valletta (1950), paġni 26 – 28.

Papagiorcopulo Nicky: **Kwadru tal-ħajja parrokkjali u tal-festa ta' San Ġiljan bejn tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu 20** – (I) Festi ta' Ġewwa. *Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier* 2009, paġni 56 – 65.

Zammit Raniero OFM Cap.: **Profili Bijografiċi ta' Slimiżi Magħrufin u ta' xi oħrajn b'rabta ma' Tas-Sliema**. Issettjat u mitbugħ : PEG Ltd. San Ġwann 2003, paġna 232.